MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Mandat Numru. 901/2014/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 901/2014 JZM fl-ismijiet :**

**Anthony Pandolfino**

**(ID 579943M)**

***kontra***

**Alfred Mallia**

**(ID 244060M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-12 ta` Gunju 2014 fejn, bhala konsegwenza tal-presentata tar-Rik. Gur. Nru. 426/2014 AE fl-ismijiet "*Anthony Pandolfino vs Alfred Mallia*", ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

*Jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu xi propjeta` u b`mod partikolari "Vella" Flat 3, Triq l-Gharusa tal-Mosta, Mosta.*

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Gunju 2014 fejn laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, fejn ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat li nghata ghaxart ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 23 ta` Gunju 2014 fil-11.15 a.m.

Rat li fit-12 ta` Gunju 2014 l-intimat kien notifikat bl-atti u bl-avviz tas-smigh tar-rikors.

Rat ir-risposta li l-intimat ipprezenta fit-13 ta` Gunju 2014.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta` Gunju 2014.

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex dwaru tipprovdi kameralment.

**Ikkunsidrat** :

Illi anke wara li qieset dak li nghad mill-intimat fir-risposta tieghu, il-Qorti ssib li jissussistu r-rekwiziti kollha skond l-Art 873 et seq tal-Kap 12 ghall-hrug tal-Mandat.

Illi in kwantu jirrigwarda l-effetti tal-Mandat, wara li rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta` Gunju 2014, il-Qorti sejra tillimita l-Mandat ghall-propjeta` indikata b`mod specifiku mir-rikorrenti fir-rikors promotorju.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tar-rikorrent billi :-**

**1) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex la jbiegh, la jnehhi, la jittrasferixxi u lanqas jiddisponi sew b`titolu oneruz jew gratuwitu il-fond "Vella", Flat 3, Triq l-Gharusa tal-Mosta, Mosta.**

**2) Tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tar-rikorrent, tinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**3) Tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------